MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-18 ta' April, 2011

Rikors Numru. 1165/2009

**Mark Nurton [Detentur tal-Karta ta` l-Identita` Nru. 311867M] u Paul Nurton [Detentur tal-Karta ta` l-Identita` bin-numru AH3396176]**

***kontra***

**PMN International Ltd (C39129) u Nadia Boggiano [Detentrici tal-Passaport Taljan bin-Nru. E 462851]**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors prezentat fis-26 ta` Novembru 2009 li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrenti huma azzjonisti tas-socjeta` PMN International Ltd (C39129) u ghandhom partecipazzjoni komplessiva ta` disa` u disghin punt erba` wiehed hamsa*

*fil-mija (99.415%) ta` l-ishma kollha tas-socjeta` PMN International Ltd skond il-Memorandum u l-Istatut ta` l-istess socjeta` hawn anness u mmarkat DOK A ;*

*Illi l-azzjonista l-ohra tas-socjeta` PMN International Limited ghandha partecipazzjoni komplessiva ta` zero punt hamsa tmienja hamsa fil-mija (0.585%) ta` ishma kollha ta' l-istess socjeta` ;*

*Illi s-socjeta` PMN International ltd ghandha ammont sostanzjali ta` kredituri u hija ma tiostax thallas id-djun taghha u tissodisfahom, hekk kif juri d-dokument hawn anness u mmarkat DOK B ;*

*Illi stante illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed ghax-xoljiment u konsegwentement l-istralc tas-socjeta` PMN International Ltd huwa sottomess bir-rispett illi l-imsemmija socjeta` ghandha tigi xjolta ai termini tas-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta u ai termini tas-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Ghaldaqstant, in vista ta` dak kollu fuq premess, u ta` provi u sottomissjonijiet ulterjuri li jngiebu waqt is-smigh tar-rikors, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha :*

*1. Tordna x-xoljiment u l-istralc tas-socjeta` PMN International Ltd. li ghandu jsir minn dina l-Onorabbli Qorti, skond is-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Art.214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta u skond is-subparagrafu (b) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 214 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tahtar stralcjarju ghas-socjeta` PMN International Limited ; u*

*3. Taghti, ai termini tal-Art.219 tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta, dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni waqr l-andament tal-proceduri.*

*Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.*

*Bl-ispejjez.*

Rat li l-kontenut tar-rikors kien konfermat bil-gurament mir-rikorrent Mark Nurton.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors promotur.

Rat li, ghalkemm l-intimati kienu debitament notifikati bir-rikors promotorju skond il-ligi, ma kenitx prezentata risposta.

Rat id-digriet taghha *in camera* tas-7 ta` Marzu 2011 fejn cahdet it-talba ta` Banif Bank (Malta) plc sabiex jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis.*

Semghet u qieset il-provi.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

Il-kumpannija P.M.N. International Ltd (C39129) ("PMN") kienet registrata mar-Registratur tal-Kumpanniji fl-14 ta` Lulju 2006.

L-ahhar *update* tal-*memorandum* u tal-*articles of association* ta` PMN kien rilaxxjat fil-15 ta` Marzu 2011 mir-Registratur tal-Kumpannija u kien esebit bhala Dok C mir-rikorrenti permezz ta` nota prezentata fit-18 ta` Marzu 2011 kif kienu diretti jaghmlu minn din il-Qorti fl-udjenza tas-7 ta` Marzu 2011.

Fl-*objects clause* tal-kumpannija, insibu *inter alia* –

*to carry on all or any of the business of suppliers, marketers, importers, exporters, merchants, manufacturers, shippers, packers and distributors of and dealers in foods and frozen foods, prepared, cooked, concentrated and other foddstuffs, products and comestibles of every descriuption and food specialities.*

Fis-16 ta` Gunju 2008, il-kumpannija ghaddiet rizoluzzjoni fejn kienet registrata zieda fl-*authorised share capital* ghal 20,000 *ordinary shares* ta` Ewro kull sehem u zieda fl-*issued share capital* ghal 20,000 *ordinary shares* ta` Ewro kull sehem *fully paid up.* L-ishma kienu maqsuma hekk : l-intimata Nadia Boggiano - 117 sehem ; ir-rikorrent Mark Nurton - 9941 sehem ; u r-rikorrent Paul Nurton -9942 sehem.

Id-diretturi ta` PMN huma Paul Nurton u Mark Nurton waqt li s-Segretarju tal-kumpannija huwa Mark Nurton.

Fid-Dok B (fol 19) hemm lista tal-kredituri ta` PMN. Jidher li fid-data tal-prezentata tar-rikors, is-*suppliers* tal-kumpannija kellhom jiehdu €83,991.76.

Ghalkemm ma akkordatx it-talba ta` Banif Bank (Malta) plc sabiex jintervjeni *in statu et terminis*, din il-Qorti hija sodisfatta li dan il-bank huwa kreditur ta` PMN fuq l-iskorta tad-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors li l-istess bank ressaq sabiex ikun ammess jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*. Id-dokumenti tal-bank jaghmlu parti mill-atti tal-kawza, hadd ma talab l-isfilz taghhom u ghalhekk din il-Qorti se taghtihom konsiderazzjoni bhall-provi kollha l-ohra akkwiziti. Minnhom jirrizulta li fil-31 ta` Dicembru 2008 il-bank kien ta *credit facilities* lil PMN. Fl-20 ta` April 2010, il-kreditu tal-bank kien jammonta ghal €41,358.50. Fil-lista tal-kredituri (Dok B) hemm riferenza ghal *bank loan*.

Mill-provi rrizulta li PMN waqfet topera fix-xahar ta` Marzu 2009. L-uniku *audit* li sar kien ikopri perijodu ta` sbatax-il xahar mill-14 ta` Lulju 2006 sal-31 ta` Dicembru 2007. L-*audit firm* koncernata kienet Bususttil Micallef u l-awditur partikolari li hadem fuq l-*account* ta` PMN kien Hector Spiteri.

L-awditur Spiteri xehed illi fil-perijodu koncernat u cioe` bejn l-14 ta’ Lulju 2006 u l-31 ta’ Dicembru 2007, kien hemm izjed djun (*liabilities*) milli assi (*assets*) u ghaldaqstant kienet saret rimarka fir-rapport tieghu li l-kontinwita’ tal-kumpannija kienet tiddependi fuq il-mod kif l-azzjonisti kienu sejrin jiffinanzjaw il-kumpannija. U allura jekk ma kienx se jkun hemm injezzjoni ta` fondi mill-azzjonisti fil-kumpannija din kienet sejra ghall-insolvenza. Ix-xhud ressaq bhala prova ta` dan kopja tar-*report and financial statements* ta` PMN ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2007 (Dok HS1). Il-kumment dwar l-*injection of funds* mill-azzjonisti jirrizulta f’pagna 10 tar-rapport fejn jinghad hekk –

*These financial statements have been prepared on the going concern basis. The validity of this assumption depends on the continued support of the company`s shareholders. The company's shareholders have confirmed thatbthey will provide sufficient funds in order that the company meets its liabilities as and when they fall due.*

L-awditur Spiteri kompla jixhed li wara l-31 ta` Dicembru 2007 ma kienx inkarikat jaghmel kontabilita` inkella awditjar fir-rigward ta` din il-kumpannija. Sal-31 ta` Dicembru 2007 il-kumpannija kienet ghadha qeghda tinnegozja pero` b`telf. Infatti fil-perijodu mertu tal-*audit* kien hemm telf registrat ta` Lm 3923 (ara pag.5 tar-rapport). Kontra dan id-dejn kien hemm assi ta` Lm 2923 (ara pag.8 tar-rapport). Kien ghalhekk li nghad li jekk l-azzjonisti ma kienux se jiffinanzjaw l-operat tal-kumpannija b`fondi "*friski*" din ma kenitx sejra tkun f`qaghda li tissoddisfa l-obbligazzjonijiet taghha. Ix-xhud ikkonferma li minn taghhom l-azzjonisti kienu tefghu fil-kumpannija Lm 51,946 (ara pag.7 tar-rapport).

Ir-rikorrent Mark Nurton xehed li huwa kien azzjonista u direttur manigerjali ta` PMN. Huwa spjega li l-kumpannija bdiet topera fl-2006 bhala hanut ta` pasta prodott minnhom stess ghall-bejgh minn Pavi Supermarket. Sa l-2007 kellhom kummerc b'sahhtu ghalkemm sa l-ahhar ta' l-2007 ma kienx hemm profitt. Cio` nonostante sar investment sostanzjali fil-kumpannija tant li kabbru l-produzzjoni li kienet issir fil-Pavi stess. Kienu wkoll jissupplixxu lill-Emirates bl-ghagin ghall-*first class*. Li gralhom kien li matul l-2007 il-*production shop* minn fejn kienu joperaw fil-Pavi kien sar zghir wisq biex ilahhqu mad-domanda. Ghalhekk kien deciz li jiehdu fabbrika l-Marsa. Kemm hu kif ukoll huh ir-rikorrent Paul Nurton poggew madwar €400,000 minn taghhom fil-progett.

Kompla jixhed hekk –

*Bqajna noperaw mill-Pavi, hadna kera ta' fabbrika l-Marsa li kienet gia topera fis-settur ta' l-ghagin fejn anke ahna xtrajna l-klijenti taghha ezistenti u xi brands taghha ezistenti. Ma' dan ukoll kellha anness ma' din il-kumpanija li hadna over kellha anness ukoll hanut simili bhal taghna go supermarket iehor l-Smart u minn hemmhekk bdejna noperaw. Konna qeghdin noperaw at a break even loss situation, it was a very delicate balance.*

Ix-xhud isostni li huma kellhom dejjem problemi ta' *cash flow* anke ppruvaw ibieghu barra fil-hwienet zghar (mhux supermarkets). Ix-xhud kompla hekk –

... *Il-fabbrika kienet tmien mitt metru kwadru jigifieri kellna sezzjoni li kienet tipproduci pasta taht l-isem ta' Pasta all' Uovo Sapori d' Italia, u kellna sezzjoni ohra tal-fabbrika li kienet kcina bazikament fejn konna nipproducu ikel illi konna nqassmu lill-klijenti taghna u konna anke noperaw per ezempju xi restaurant go hotel, canteens go fabbriki, konna nitimghu l-istaff u konna anke nqassmu dawn il-monoportions, l-ikel f' porzjonijiet go supermarkets w affarijiet.*

L-impjegati taghhom kienu telghu ghal tnejn u hamsin (52).

Ix-xhud spjega li matul l-2008 in-negozju taghhom ma marx tajjeb in partikolari wara li ttentaw li jferrxu l-operat taghhom anke fil-lukandi. Ifisser ruhu hekk –

*Fl-2008 towards the end kien qed ikollna diffikultajiet kbar kemm jiena u kemm hija ma kellniex iktar flus x' ninvestu fil-kumpannija jigifieri kienet saret mument veru kritiku. Taht advice anke l-konsulent Dr Renald Micallef bdejna nistrimjaw iktar l-kumpanija u nnaqqsu iktar l-attivita' tal-kumpanija biex nippruvaw ingibuwha iktar healthy mill-cashflow iktar milli konna qeghdin noperaw pero' konna wasalna f' posizzjoni fejn kienet veru difficli li*

*nibqghu ghaddejjin u it was advised illi anke min-naha taghna illi nwaqqfu l-operat.*

Ix-xhud spjega li l-kumpannija waqfet topera ghal kollox lejn Marzu/April tal-2009. U fisser kif dan sar -

*... naqqasna l-operat, naqqasna l-operazzjonijiet li konna noperaw fihom specjalment dawk li kienu jinvolvu mhux cash payments pero' credit payments, sar hafna moviment minn dawn biex nippruvaw nikkontejnjaw is-sitwazzjoni. Kien hemm mumenti fejn konna qeghdin naqghu lura anke fil-pagamenti ta' kredituri anke fejn kemm jiena u kemm hija uzajna l-ahhar rizorsi finanzjarji li kellna anke biex nhallsu lill-impjegati w anke biex nhallsu xi kredituri. Niftakar f'nofs, tlett kwarti ta' 2008 jiena ma bqajtx nixtri per ezempju on credit bdejt nixtri biss.*

Ighid li fil-bidu tal-2009, *meta ma kien hemmx possibilita' ta' cashflow li nhallas ftit mill-kredituri li kelli l-antiki kont wasalt anke nircievi theddid personali...*

Il-kumpannija ma operatx aktar wara Marzu 2009. Ghalkemm il-*management accounts* kienu *in order*, baqa` ma sarx *audit* ghas-sena li ghalqet fil-31 ta` Dicembru 2008. Mar-Registratur tal-Kumpanniji l-ahhar audit registrat kien dak tal-2007.

Skond ix-xhud, wara li PMN ma baqghetx topera, thallsu xi kredituri pero` mhux il-kredituri kollha.

Bil-ghan li jpoggu l-kumpannija fuq saqajha, ix-xhud ighid li huwa ppruvaw jirristrutturaw b`mod li jikkonservaw biss dawk l-operazzjonijiet li kienu qeghdin irendu. *Eppure* l-ezercizzju ma rnexxiex.

Ir-rikorrent <u>Paul Nurton</u> ikkonferma dak li xehed huh Mark Nurton izda zied ighid hekk -

*... fl-2009, gejt jiena personalment bil-cash biex inhallsu l-ahhar salaries ta' l-impjegati u wara dawn ma nistghux, ma stajniex nimxu iktar, kien impossibli u hemmhekk hadna d-decizjoni illi nieqfu ghax dahhalna xi 400,000 euros bhal kapital fil-kumpannija bejnietna.*

**Ikkunsidrat :**

Din hija kawza fejn qed issir talba ghax-xoljiment u stralc ta' kumpannija mill-Qorti skond l-<u>**Art.218 tal-Kap.386**</u>.

It-talba qed issir fir-rigward tal-kumpannija intimata mir-rikorrenti fil-kwalita` taghhom ta` azzjonisti li jippossjedu 99.415% tal-ishma tal-kumpannija intimata (ara l-ewwel paragrafu tar-rikors promotur).

Skond il-*proviso* tal-Art.218(1(c), meta t-talba ghax-xoljiment u stralc ta' kumpannija mill-Qorti ssir minn xi azzjonist, ir-rikors jista` jkun ibbazat jew fuq l-<u>**Art.214(2)(a)**</u> inkella l-<u>**Art.214(2)(b).**</u> Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti qeghdin jaghmlu riferenza ghall-<u>**Art.214(2)(a)(ii)**</u> u l-<u>**Art.214(2)(b)(iii)**</u> tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta bhala d-disposizzjonijiet li jsostnu l-istanza taghhom.

In linea generali, din il-Qorti tghid mill-ewwel li filwaqt li fiz-zewg sitwazzjonijiet li ghalihom jirreferi l-<u>**Art.214(2)(a)**</u> il-Qorti <u>**tista'**</u> xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha, fl-erba` sitwazzjonijiet li ghalihom jirreferi l-<u>**Art.214(2)(b)**</u> il-Qorti <u>**ghandha**</u> xxolji kumpannija u tordna l-istralc.

Huwa ghalhekk evidenti li r-rikorrenti, accertati l-fatti, fil-kaz tal-Art.214(2)(a)(ii) qeghdin jitolbu li din il-Qorti **tezercita d-diskrezzjoni taghha** li xxolji l-kumpannija u per konsegwenza tordna l-istralc taghha, u fil-kaz li jirrizulta dak previst mill-Art.214(2)(b)(iii), qeghdin jghidu li din il-Qorti **ghandha** xxolji l-kumpannija u tordna l-istralc taghha.

Din il-Qorti sejra tqis l-provi li tressqu fil-kuntest ta` l-**Art.214(2)(a)(ii)** fejn il-Qorti ghandha diskrezzjoni li xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha ... *jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha*.

L-**Art.214(5)** ighid meta kumpannija ghandha titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet tal-**Art.214(2)(a)(ii)**.

Miz-zewg subparagrafi li jaghmlu s-subartikolu **(5)**, dak rilevanti ghall-mertu ta' din il-kawza huwa l-**(b)** li jaqra hekk –

*jekk ikun ippruvat ghas-sodisfazzjon tal-qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, meta din tqis ukoll il-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpannija.*

Dwar dan is-subinciz din il-Qorti diversament presjeduta (PA/GV) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Axel John International AB vs Aluminium Extrusions Limited"** deciza fit-28 ta' Mejju 2003 esprimiet ruhha hekk –

*Din il-kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda … it is not sufficient for the company to be able to meet its current oibligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period (Re : European Life*

*Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk ma hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpannija tbiegh l-assets taghha biex forsi jithallsu.*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-progett inizjali ta` PMN kien ambizzjuz kemm ghar-rigward tat-tip ta` prodott li kienet sejra timmanifattura, kemm ghar-rigward tal-kwalita` tieghu kif ukoll ta` kif kien sejjer jitqassam sabiex jinbiegh. Sa mill-ewwel sbatax-il xahar ta` gestjoni tan-negozju taghha, kien diga` evidenti li PMN kienet qeghda tahdem bit-telf meta l-awdituri qiesu l-attiv u l-passiv taghha. Naturalment hija haga minn ewl id-dinja li l-bidu huwa dejjem iebes anke sabiex tinstab in-nicca ideali li minnha jitferrex in-negozju. Pero` kien negattiv ferm il-kumment tal-awditur fejn ghax kien qed jara li fuq l-isforzi taghha biss PMN ma kenitx se tibqa` vijabbli rrileva li kien vitali ghall-azzjonisti li jsostnu l-kumpannija b`aktar fondi minn taghhom sabiex PMN tkun tista` tkampa. U hekk fil-fatt sar.

PMN kibret kemm fil-post fejn issir il-manifattura tal-prodott kif ukoll fil-klijentela. *Eppure* jidher li *it could not make ends meet.* Gara li l-ahwa Nurton, li prattikament kellhom kwazi l-ishma kollha tal-kumpannija, injettaw kemm felhu fondi minn taghhom fil-kumpannija sakemm ma felhux aktar jaghmlu dan. Anke bhala diretturi l-ahwa Nurton baqghu jahdmu biex jippruvaw jergghu iqajmu n-negozju.

Lejn l-ahhar tal-2008, kisbu self minghand Banif Bank (Malta) plc mhux wisq *to kickstart the business* izda l-aktar biex ikollhom *revenue* li minnu jhallsu l-kredituri. Naturalment il-facilitajiet bankarji li kisbu ma swewx biex jaghtu ossignu lin-negozju taghhom tant li spiccaw li kellhom jaghlqu l-operazzjonijiet taghhom fix-xahar ta` Marzu/April 2009.

Din il-Qorti tinnota li l-*management accounts* ta` PMN ghaz-zmien ta` bejn l-1 ta` Jannar 2008 u l-31 ta` Marzu 2011 baqghu ma gewx prezentati bhala prova f`din il-kawza. Nafu biss li baqghu ma gewx *audited* u allura lanqas kienu prezentati lir-Registratur tal-Kumpanniji. L-*accounts* ghandhom jitlestew u jigu pprezentati regolarment u fil-hin, ghax b`hekk il-kredituri jkollhom opportunita` jqisu s-sahha finanzjarja tal-kumpanija meta jigu biex jinnegozjaw maghha.

Din il-Qorti hija sodisfatta li l-entita` tad-dejn qieghed lill-kumpanija fi stat ta` insolvenza. U m`ghandhiex assi minn taghha bizzejjed biex tissodisfa d-debiti. Lanqas ma din il-Qorti ghadha xi prova li tista` twassalha biex tikkonkludi li PMN hija solventi. Di piu` llum li ilha kwazi sentejn inattiva fin-negozju taghha. Din il-Qorti tghid li dan huwa kaz ta` negozju li mar hazin b`konsegwenzi negattivi hafna mhux biss ghall-kumpannija *ut sic* izda anke ghall-azzjonisti tra` maggoranza taghha. Ma ssibx li dan seta` kien kaz fejn id-diretturi ttentaw jirrendu lill-kumpannija insolventi. Li kieku kien hekk id-diretturi li kienu wkoll l-azzjonisti ma kienux jitfghu aktar flus minn taghhom fil-kumpannija sabiex isalvaw in-negozju taghha.

Din il-Qorti mhix qeghda tara l-possibilita` reali llum li ilha wieqfa kwazi sentejn li PMN terga` tqum mill-gdid, tirristabilixxi l-*goodwill* taghha, tikseb lura l-klijenti taghha u fuq kollox nifs minghand il-kredituri taghha u *business partners* ohra li ghad tkun trid tittratta maghhom fil-futur u allura thallas id-djun taghha. Kumpanija hija insolventi meta tieqaf thallas id-djun taghha u mhux mehtieg li jintwera li m'ghandhiex mnejn thallas. Din il-Qorti tghid li r-rikorrenti ppruvaw ghas-sodisfazzjon taghha li PMN hija insolventi u ghandha ghalhekk tigi xjolta u stralcjata skond l-**<u>Art.214(2)(a)(ii) u l-Art.214(5)(b)</u>**. B'dak il-mod ebda wiehed mill-kredituri ma jiehu vantagg indebitu, u l-istralc tal-kumpannija jsir taht il-kontroll tal-Qorti.

Ladarba din il-Qorti qeghda tghid li ghandu jkun xoljiment u stralc tal-kumpannija intimata abbazi tal-**Art.214(2)(a)(ii) u l-Art.214(5)(b)5(b)** ma tarax li hemm ghalfejn toqghod tistharreg jekk *anke* skond l-**Art.214(2)(b)(iii)** hemmx ukoll raguni ghax-xoljiment u stralc taghha.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej –**

**1) Tghid illi l-kumpannija intimata P.M.N. International Ltd (C39129) ma tistax thallas id-djun taghha ghall-fini tal-Art.214(2)(a)(ii) u Art.214(5)(b) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2) Tordna x-xoljiment tal-istess kumpannija ntimata b'effett mil-lum kif ighid il-proviso tal-Art.223(1) tal-Kap.386 u tordna wkoll l-istralc taghha.**

**3) Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skond l-Art.228 et seq tal-Kap.386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet –**

**a) wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpannija ntimata kif irid l-Art.226 tal-Kap.386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-Art.227 tal-Kap.386.**

**b) jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.**

**c) jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpannija ntimata kif ighid u jrid l-Art.237 tal-Kap.386.**

**d) jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpannija ntimata.**

**e) jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpannija intimata.**

**f) jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------